— wara li kkunsidra l-Artikolu 245, it-tieni inċiż, tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 160, it-tieni inċiż tat-Trattat Euratom, li b'konformità magħhom ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0066/2008),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 245, it-tieni inċiż, tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 160, it-tieni inċiż, tat-Trattat Euratom dwar il-proposta li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti ta' Ġustizzja biex jiġu speċifikati r-regoli lingwistiċi li japplikaw għall-proċedura ta' reviżjoni, ippreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'konformità mal-Artikolu 64 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja (SEC(2008)0345),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0211/2008),

1. Japprova l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi ***II

P6_TA(2008)0282

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (11406/4/2007 — C6-0056/2008 — 2005/0281(COD))**

(2009/C 286 E/34)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (11406/4/2007 — C6-0056/2008),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([1]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0667),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0162/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 287, 29.11.2007, p. 135.

**It-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2008**

## P6_TC2-COD(2005)0281

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' Ġunju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, id-Direttiva 2008/98/KE.)*

---

## Standards tal-kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika dwar l-ilma ***II

P6_TA(2008)0283

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-għan li tiġi adottata direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards tal-kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika dwar l-ilma u li temenda d-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u 2000/60/KE (11486/3/2007 — C6-0055/2008 — 2006/0129(COD))**

(2009/C 286 E/35)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (11486/3/2007 — C6-0055/2008) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0397),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251, paragrafu 2 tat-Trattat tal-KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni fit-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0192/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 71 E, 18.3.2008, p. 1.
([2]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 90.

---

## P6_TC2-COD(2006)0129

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fis-17 ta' Ġunju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma u li temenda u sussegwentament tħassar id-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE 84/491/KEE, 86/280/KEE u temenda d-Direttiva 2000/60/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, d-Direttiva 2008/105/KE.)*

---